17 ta' Novembru, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Gouder, LL.D.

Josephine Vassallo *versus* Joseph Galea

**Kolliżjoni — Danni — Dwal — Negliġenza.**

*Huwa veru illi s-sewqan ta' vejikolu fid-dlam mingħajr dwal kif għandhom ikunu huwa att ta' negliġenza; u huwa wkoll veru li min ikun isuq karrozza fid-dlam mingħajr ma juża d-dwal soliti, u b'hekk jiżvija driver ieħor ta' karrozza oħra u jikkaġuna kolliżjoni, huwa ħati ta' att ta' negliġenza li tista' tkun, skond iċ-ċirkustanzi, deċiżiva għall-kwistjoni tar-responsabilità tal-kolliżjoni. Iżda huwa wkoll veru illi, biex dik in-negliġenza tkun deċiżiva tar-responsabilità tal-kolliżjoni u tad-danni konsegwenzjali, jeħtieġ illi n-nuqqas tad-dwal jirriżulta li kien il-kawża prossima tal-kolliżjoni.*

*Jekk bejn in-nuqqas tad-dwal u l-kolliżjoni jonqos in-ness tal-kawża u effett, ir-responsabilità ta' min ma kellux id-dwal xieraq tispiċċa,*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi talbet li, premessi d-dikarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarj, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi, in rifużjoni tad-danni kaġunati fl-awtomobili ta' l-attriċi numru 3060 fit-12 ta' Frar 1951, il-Marsa, mill-konvenut, biż-żiemel u l-karrettun tiegħu; għal liema danni huwa responsabili l-istess konvenut; bl-imgħax legali mid-data tal-likwidazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' elevazzjoni tal-14 ta' April 1951, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta li l-kolliżjoni ġrat għal traskuraġni, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta' Mariano Sarè, li kien isuq il-karrozza ta' l-attriċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ġunju 1952, li biha rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi ma kienx hemm raġuni biex ma tkunx adottata l-konklużjoni tal-perizja ġudizzjarja, u l-Qorti ta' l-Ewwel Grad kienet taqbel magħha. Difatti mill-kumpless tal-provi jidher li responsabili tal-kolliżjoni kien biss Mariano Sarè, li kien isuq il-karrozza ta' l-attriċi. Kif sewwa rrileva l-perit, il-verżjoni ta' dana Sarè ma ġietx korroborata, anzi ġiet kontradetta minn diversi provi. Għal din ir-responsabilità l-Qorti ta' l-ewwel istanza, barra mir-riljevi sottomessi mill-perit, sabet ċirkustanza oħra li tkompli teskludi kull responsabilità fil-konvenut, rigward il-pretensjoni li l-karrettun tal-konvenut kien mingħajr dawl. Għandu jiġi rilevat li mhux biżżejjed li skond l-art. 77 (1) (c) tal-Liġijiet tal-Pulizija kien imissu kellu żewġ fanali bojjod quddiem u dawl aħmar wara, iżda jrid jiġi pruvat li bejn dan in-nuqqas u l-kolliżjoni kien hemm in-ness tal-kawżalità. Issa, irriżulta mix-xhieda ta' l-istess Mariano Sarè li hu lemaħ il-karrettun minn distanza ta' 500-700 pass.........;

*Omissis;*

Rat fol. 78 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi;

Rat fol. 79 il-petizzjoni tagħha, li biha talbet ir-revoka

tas-sentenza fuq imsemmija u li jiġu milqugħa t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Il-kolliżjoni "de qua" saret f'ħin ta' bil-lejl bejn il-car ta' l-attriċi appellanti, misjuq minn ċertu Mariano Sarè, u ż-żiemel u karrettun tal-konvenut appellat, misjuq minnu. Iż-żewġ vetturi kienu ġejjin minn direzzjoni opposta f'Race Course Street, il-Marsa. Fil-waqt tal-kolliżjoni, xhieda okulari kienu biss dan Sarè, il-konvenut, u ċertu Toni Sciberras li kien rie-keb mal-konvenut;

Sarè xehed li hu kien isuq bi speed moderat ta' 15-il mil fis-siegħa, fuq is-side tiegħu; ra l-karrettun ġej mid-direzzjoni opposta minn xi 500 jew 700 pass bogħod; immedjatament tefa d-dawl tal-car mill-"bright" għad-"dim", u waqqaf, imma ż-żiemel bil-karrettun, li kien ġej maħrub, baqa' dieħel fuqu. Sarè żied jgħid li l-konvenut qal kliem ma' terzi persuni li bihom ammetta li kien responsabili għall-ħabta u pproponа rangament per mezz ta' dawk il-persuni;

Il-versjoni tal-konvenut u dik ta' sieħbu Sciberras, hi, inveċe, fis-sens li ż-żiemel kien misjuq nofs-trott, li Sciberras kien rieke b fuq ix-xellug u kellu torch f'idu mixgħula, li kien fuq is-side tiegħu, u li f'daqqa waħda leħaq car ġej bi speed qawwi, b'dawl qawwi, u fuq in-naħa ħażina tat-triq, u li dan il-car baqa' ġej dritt fuqhom. Hu kiser ras iż-żiemel 'il barra, iżda għal xejn, għax il-car mill-ewwel laqathom. Il-versjoni ta' Sarè, konfrontata mal-provi l-oħra, irriżultat għal kollox inveritjera;

Ix-xhieda li hu ġieb biex jipprova li l-konvenut esprima ruħu b'mod li aċċetta r-responsabilità tiegħu għall-investiment, u li ried jirranġa, ikkontradiċewh reċiżament;

Kwantu għall-versjoni ta' l-inċident stess, Sarè jinsab mhux biss kontraddett mill-versjoni tal-konvenut, korroborata minn sieħbu Sciberras, imma aktar u aktar minn ċerti ċirkustanzi li f'din il-materja jaqgħu taħt id-dottrina espressa bil-kliem "res ipsa loquitur". Per eżempju, Sarè qal li ż-żiemel daħal ġo fih............;

Id-difensur ta' l-appellant għamel enfasi fuq iċ-ċirkustanza li l-karrettun tal-konvenut ma kellux id-dwal preskritti mill-

liġi, imma kien hemm biss *it-torċh li kellu f'idu Sciberras, torċh li tista' tintefa u tinxegħel, li tista' tiċċaqlaq 'l-hawn u 'l-hemm, u li ma tagħtix* indikazzjoni adegwata li ġejja vettura jew tax-xorta tagħha. Issa, hu veru li "driving in the dark without proper lights is negligence" (ara Baker vs. Longhurst & Sons Ltd. (1933) 2 K.B., 461, 464; 102 L.J., K.B. per Scrutton, C.J.); u hu veru wkoll li "failure to carry the usual lights, which misleads the driver of another vehicle and causes a collision, is negligence, which may, according to the circumstances, be decisive to the question of liability" (ara Pressley vs. Burnett (1914) S.C. 874); iżda hu veru wkoll illi, biex tkun deċiżiva tar-responsabilità, kif ġie deċiż in "Macfarlane vs. Colan" (1908) S.C. 56, "the absence of lights must be shown to be the proximate cause of the collision"; u dan in konformità għar-regola ġenerali illi "*violation of rules of the road* is not conclusive evidence of negligence; such a violation will not bar a party's recovery, unless it was the proximate cause of the injuries" (ara Andrew Dewar Gibb, *Trial of Motor Car Accident Cases*, *page 31*, *para. 34*). L-istess awtur, fi ktieb ieħor tiegħu "The Law of Collisions on Land", 1932 edition, paġ. 107, qal: "Of course, there must exist some relation of cause and effect between the failure to exhibit lights and the accident which has occurred"; u jiċċita l-każ "Woods vs. Davison", 1930, N. *Irel.* 161, "where the grossly negligent driving of a motor cyclist (negligent, inter alia, in having no light) was held not to have contributed to a collision";

Issa, f'dan il-każ, in-ness ta' kawża u effett bejn *in-nuqqas tad-dwal regolamentari fuq il-karrettun* u l-investiment jispiċċa appena wieħed jikkunsidra li l-istess Saré stqarr li hu ra l-karrettun minn xi 500 jew 700 pass bogħod, u rah tant tajjeb u a tempo, li osserva li kellu *tnejn min-nies rekbin fuqu. Mela żgur li l-ħabta ma saretx* għax Saré ma rax il-karrettun fil-ħin; il-ħabta saret għax Saré kien qiegħed isuq bi speed qawwi u fuq in-naħa ħażina tat-triq. Dan kien il-fatt li ddetermina l-kolliżjoni; u meta jkun hemm fatt simili, allura ma hemmx aktar ness ta' kawża *u effett bejn* il-kontravvenzjoni *tan-nuqqas ta' dawl fuq il-karrettun u l-kolliżjoni*; għax, kif *esprimiet* tajjeb il-Corte di Cassazione fil-kawża "Pubblico Ministro vs. Calenda", 1 Luglio 1931, fir-Rivista Giurispru-

denza Automobilistica", 1931, 459. "il rapporto di causalità tra colpa e danno è rotta da un fatto che sia da per sè sufficiente a determinare il sinistro". kif f'dan il-każ il-konnessjoni bejn in-nuqqas ta' dawl regolari fuq il-karrettun u l-iskontru ġiet miksura bil-fatt uniku li ddetermina dak l-iskontru, ċjoè s-sewqan bi speed eċċessiv u fuq in-naħa ħażina tat-triq, għad li kien ra l-karrettun tempestivament minn 500 jew 700 pass bgħid, avvolja mdawwal bit-torch biss;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellanti.